MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Mandat Numru. 831/2012/1

**Zrinzo Azzopardi Dr. Stefan et noe**

**vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi u Dr. Lydia Abela, f'isimhom proprju fil-kwalita' taghhom ta' ufficjali u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Laburista, li permezz tieghu, talbu lil din il-Qorti zzomm lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta milli tnehhi jew iccaqlaq jew b'kull mod iehor li jkun tiehu pussess, direttament jew permezz ta' terzi tal-billboards politici tal-Partit Laburista.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta, li ghar-ragunijiet hemm imfissra, issottomettiet illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lid-difensuri.

Il-Qorti tibda biex tippremetti illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta espressament jipprovdi illi sabiex talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tkun tista’ tintlaqa’ jinhtieg li l-Qorti tkun sodisfatta.

“*i. Illi prima facie, ir-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet;*
*ii. Illi l-agir ta’ l-intimat ikun ta’ pregudizzju lir-rikorrent;*
*iii. Illi l-mandat ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent.*”

Wiehed jenfasizza li l-iskrutinju li trid taghmel il-Qorti jasal sal-livell ta’ dak li jidher “prima facie”.

Il-jedd ta’ partit politiku li jwassal il-messagg tieghu huwa fundamentali u inaljenabbli garantit mill-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea. L-istess ligijiet, madanakollu, jipprovdu ghar-restrizzjonijiet necessarji sabiex jigi tutelat l-ordni fil-pajjiz u d-drittijiet tac-cittadini.

Huwa f’dan il-kuntest li wiehed jghaddi biex jezamina l-ordni ghat-tnehhija tal-billboards tal-Partit Laburista, ordni din konfermata li giet moghtija lill-persuna inkarigata mill-infurzar fi hdan l-istess awtorita’, li xehed hekk:

“*Jiena nikkonferma li fl-awtorita’ hemm direttiva biex jitnehhew il-billboards kollha inkluz tal-Partit Laburista. Gew identifikati biex jitnehhew il-billboard f’Regional Road, il-billboard li qeghda l-Marsa x’hin tohrog minn fejn ic-cimiterju tat-Torok, il-billboard li qeghda faccata ta’ Mater Dei fuq il-by-pass ta’ Birkirkara u billboard iehor fil-Coastroad.*”

Fl-ordinament guridiku Malti, it-tqeghid ta' billboards huwa regolat mill-Avviz Legali 368 ta' l-2004, regolamenti mahrugin bis-sahha ta' l-Att dwar Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

L-istess regolamenti jiddefinixxu:

"*"Billboard ta' xorta politika" li tfisser billboard li ma jkunx imwahhal ma' l-art, li jkun uzat ghall-wiri ta' materjal li jirrelata esklussivament ghall-elezzjoni generali jew ghal referendum jew ghall-elezzjoni ghall-kunsilli lokali u li jitqieghed fil-post mhux aktar minn tliet xhur qabel id-data li fiha ssir dik l-elezzjoni jew dak ir-referendum u mhux aktar minn gimgha mit-thabbir ufficjali tar-rizultat ta' dik l-elezzjoni jew dak ir-referendum.*"

Huwa ovvju ghalhekk li l-billboards mertu ta' din il-vertenza ma jistghux jitqiesu bhal tali izda huma inkorporati fid-definizzjoni ta' "billboard temporanju".

"*"Billboard temporanju" tfisser billboard li ma jkunx imwahhal ma' l-art, li hu uzat ghall-wiri ta' materjal ghall-promozzjoni marbuta ma' kampanja dwar sahha pubblika jew sigurta', jew relatat ma' attivita' ta' xorta religjuza, edukattiva, kulturali, politika jew socjali li ma jkunx ta' xorta kummercjali, izda ghall-finijiet ta' din it-tifsira, xorta kummercjali tfisser li attivita' tkun soggetta ghall-hlas ta' dhul jew tkun qeghda tbiegh prodott.*"

L-Art. 9 tar-regolamenti fuq citati jipprovdi illi:

"*Ebda persuna ma ghandha tqieghed jew iggieghel li jitqieghed billboard temporanju fi triq minghajr permess ta' l-awtorita', izda dak il-permess ghandu jkun validu ghall-perjodu kontinwu ta' mhux aktar minn wiehed u ghoxrin gurnata.*"

L-Att dwar Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta jiddefinixxi triq bhala li tinkludi:

"*Il-karreggjata taghha kif ukoll kull konfini jew spazju apert pubbliku iehor adjacenti u ancillari ghaliha, inkluzi margini*

*laterali, central strips, roundabouts, traffic islands, u moghdijiet pedonali u bankini.*"

Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni, lanqas prima facie, li twassalha biex tqis li l-billboards de quo qeghdin fi triq kif definita aktar 'il fuq. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis li l-billboards huma mqeghda b'mod illegali ai termini tal-fuq citat Art. 9.

Il-Qorti tqis ukoll id-dmirijiet estensivi li l-Awtorita ghandha emanenti mill-istess ligi biex tiggarantixxi s-sigurta fit-toroq.

F'dan il-kuntest, pero', din il-Qorti ma gietx sodisfatta, lanqas sal-livell prima facie, illi l-billboards de quo huma perikoluzi. Ghalkemm il-Perit tal-Awtorita sostniet illi d-decizjoni taghha ttiehdet ghaliex il-billboards ma jissodisfawx il-guidelines relattivi, ma ngabux lil Qorti ebda dettalji dwar il-posizzjoni ezatta taghhom u r-ragunijiet precizi ghaliex ma jissodisfawx il-"guidelines" tas-sigurta'.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------